## Rokna Talb

*mill-ktejjeb "**Ejjew Nitolbu**". Ed.15. Maħruġ mill-Kummissjoni Kateketika - Djoċesi ta' Għawdex*

**Talba tal-Appostolat tat-Talb għal Kuljum**

O Qalb ħanina ta' Ġesù, kulma nitlob, kull ma nagħmel u kulma nġarrab f'dan il-jum jgħaddi għalik mill-Qalb bla tebgħa ta' Marija, għat-tpattija ta' dnubietna, l-aktar tad-dagħa li bih hu mżeblaħ l-Isem Imqaddes tiegħek: u għal fehmiet kollha li inti għandek f'kull quddiesa li titqaddes. Noffrihomlok fuq kollox għal fehmiet tal-Papa u l-Isqfijiet tagħna.

**Offerta tal-Ġurnata**

Alla tiegħi, jiena noffrilek dak kollu li nagħmel illum għall-fehmiet u l-glorja tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.
Irrid inqaddes kull taħbita ta' qalbi, ħsibijieti u l-iċken ħidmiet tiegħi billi ngħaqqadhom mal-merti bla qies tiegħu.
Irrid nagħmel riparazzjoni għan-nuqqasijiet tiegħi billi nitfagħhom fil-ħuġġieġa tal-imħabba kollha ħniena tiegħu. O Alla tiegħi!

**Talba ta' filgħaxija**

Mulejja, nadurak u nħobbok b'qalbi kollha. Mulejja, niżżik ħajr li żammejtni ħaj matul dan il-jum. Mulej aħfirli dnubieti u ilqa' l-għemil tajjeb li għamilt f'dan il-jum. Mulejja, ħarisni matul dan il-lejl u żommni fil-grazzja tiegħek. Marija, li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa, aqlagħli l-grazzja li noħroġ minnha mingħajr ħtija.
Ġesù, Ġużeppi, Marija, nagħtikom qalbi, ruħi u kull ma fiha.
Ġesù, Ġużeppi, Marija, ieqfu miegħi fl-aħħar agunija.
Ġesù, Ġużeppi, Marija, toħroġ ruħi fil-paċi magħkom fl-agunija.
Il-barka ta' Alla tinsel fuqna, iżżommna bogħod mid-dnub, u twassalna għall-ħajja ta' dejjem.
U l-erwieħ tal-insara mejtin, għall-ħniena ta' Alla, jistrieħu fis-sliem. Amen.

**Leġjun ta' Marija**
**Laqgħat tal-*Praesidium* f'Ħad-Dingli (Nisa u Irġiel)**
**Jum**: Kull nhar ta' Erbgħa
**Ħin**: 4:30 pm
**Post**: Fiċ-Ċentru Parrokkjali





Fuljett maħruġ mill-Praesidium
**Marija Mtellgħa s-Sema**
**Ħad-Dingli**
**Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi**

**Leġjun ta' Marija**

**Ħarġa Nru. 13**
**Marzu 2026**

## *MIT-TĦABBIRA SAS-SALIB MA' SIDTNA MARIJA*
### *"ĦA JSIR MINNI SKONT KELMTEK"*



Għeżież, fl-aħħar ġimgħa sħiħa tax-xahar ta' Marzu ta' din is-sena, ser niċċelebraw 2 festi qawwija – waħda solennita' liturġika u l-oħra tifkira devozzjonali – fejn il-figura tant għażiża tal-Madonna tassew tispikka. Dawn il-festi żgur iservuna bħala mumenti qawwija li jgħinuna bis-sħiħ biex nibdew ngħixu l-Ġimgħa Mqaddsa, il-jiem speċjali ta' Kristu Ġesù, *"li ma għamel ebda dnub, u ebda qerq ma nstab fih; meta bata, ma qagħadx jhedded; imma ħalla f'idejn dak li jagħmel ħaqq bis-sewwa. Hu nnifsu tgħabba bi dubietna sa fuq is-salib, biex aħna mmutu għad-dnubiet u ngħixu għall-ġustizzja."* (1 Piet. 2: 21-24)

***Mit-Tħabbira tal-Mulej lil Marija ta' Nażaret ...***

*"Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek"* (Lq. 1: 28) ... *"Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont il-Kelmtek!"* (Lq. 1: 38). Il-ġrajja nistgħu ngħidu li mhux biss smajniha, imma li nafuha sew ukoll, u kulmin jitlob ir-Ružarju jistqarrha bil-kif ukoll. Il-Verġni Marija, fuq l-għatba li tkun mart Ġużeppi minn Nażaret ikollha din il-proposta minn Alla għal ħajjitha li tkun Omm Ibnu. Marija wieġbet lill-anġlu Gabrijel b'"*ħa jsir minni skont il-Kelmtek*," mingħajr ma kienet taf x'se jiġri eżatt. Hi afdat fil-Kelma t'Alla u wriet lid-dinja li l-fidi tista' tbiddel il-kors tal-istorja mhux biss fuq livell personali, imma b'mod tassew radikali u kollettiv, *"għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir"* (Lq. 1: 37).

*(ikompli f'paġna 2)*

***... sa’ Wieqfa ħdejn is-Salib***

Il-vjaġġ tal-Omm Imqaddsa, mit-Tħabbira sas-Salib, hu tassew triq ta’ sagrifiċċji u tbatija mimlija tama. U l-Knisja, billi tiċċelebra lil Marija addolorata, li takkumpanja lill-Iben ta’ Alla u tagħha fit-triq lejn il-Kalvarju, u tibqa’ wieqfa f’riġlejn is-Salib tiegħu, tara fiha mara ta’ tama, fidila għall-“iva” tal-bidu u definittiva tagħha, li tiret minn binha l-maternità universali: *“Mara, hawn hu ibnek (...) hawn hi ommok”* (Ġw. 19: 26, 27). L-*“Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont il-Kelmtek”* li l-Verġni Marija lissnet u għexet b’fedeltà, anke b’tant dulur ħdejn is-Salib, tgħinna niftakru fil-kliem li binha Ġesù lissen fil-ġnien tal-Ġetsemani meta waslet is-siegħa: *“Mhux li rrid jien, imma li trid int”* (Mk 14: 36). Żgur kliem li jħeġġuna nemmnu aktar li fl-avveniment Trinitarju tas-Salib, l-umanità tiskopri mħabba aktar oriġinali mid-dnub: is-Salib hu frott ta’ mħabba bla qies, iġġudikata mill-bżieq, mill-frosta, u mill-imsiemer: strumenti ta’ turment, umiljazzjoni, u falliment. Madankollu huwa permezz ta’ din il-laqgħa ta’ Ġesù mal-ħażen ta’ din id-dinja – uġigħ, dwejjaq, inġustizzja, mard, u mewt – li tispikka t-taqbida għall-fejqan u t-trijonf tal-ħajja. U hekk tassew li bil-ġrieħi tiegħu, aħna niksbu fejqan (ara 1 Pietru 2: 24). Tabilħaqq, Kristu msallab, u gglorifikat mill-Missier, huwa l-post tat-twelid ġdid tagħna li minnu toħroġ l-unika tama tagħna, u s-sors ta’ kull tama. Il-ħajja ta’ Marija, Omm Alla u Ommna, ankrata fiH, hija itinerarju ta’ fidi u tama, immexxi mill-imħabba.

Ejjew inħaddnu u ngħixu dawn il-virtujiet divini, u b’ħeġġa, f’dawn il-jiem b’mod speċjali, nitolbu lil Ommna Marija billi nlissnulha:

***Verġni mbierka, Omm qalbiena,***
***uri miegħi din il-ħniena,***
***biex inħoss l-indiema.***

***Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba,***
***la tħalliha qatt tittabba'***
***imħabbti għal Kristu.***
***Ammen.***

Kan. David Farrugia
Arċipriet





## L-IMPORTANZA TAD-DEVOZZJONI VERA LEJN IL-VERĠNI MBIERKA

*Kitba ta’ Doris Borg*

Diversi qaddisin u dutturi tal-Knisja, jgħidulna li l-Verġni Mbierka hija meħtieġa għas-salvazzjoni tagħna. Insibu li Santu Wistin, Sant Efrem, San Ċirillu ta’ Ġerusalem u ħafna oħrajn jgħidulna li min ikun tassew devot ta’ Marija u jqimha kif suppost huwa sinjal ċert ta’ predistenazzjoni.

San Luiġi Marija de Montfort jgħidilna li ma nistgħux nieqfu fuq Marija għaliex din tkun nassa tax-xitan; imma jkompli jurina li d-devozzjoni vera lejn il-Verġni Marija tressaqna iktar lejn Ġesù. Nafu li Ġesù u Missieru huma ħaġa waħda. Mhux hekk biss imma r-ruħ li tkun vera devota ta’ Marija, l-Ispirtu s-Santu jiġi jgħix f’dik ir-ruħ b’iktar qawwa.

Inkunu qed nigglorifikaw lil Alla meta fuq l-eżempju ta’ Ġesù, aħna nissottomettu ruħna bħal Marija. Fil-qosor nistgħu ngħidu li d-devozzjoni vera lejn Marija hija t-triq il-qasira u perfetta, kif ukoll hija t-triq l-iktar żgura u ħafifa.

Il-qaddis Papa San Ġwanni Pawlu II stqarr li ma setgħax jgħix mingħajr din id-devozzjoni, u għalih San Luigi Maria de Montfort kien it-tmun tiegħu għal ħajja spiritwali tiegħu personali kif ukoll għat-tmexxija tiegħu bħala Papa. Niftakru l-famuza frażi tiegħu hekk kif laħaq Papa “Totus Tuus” – jiġifieri kollni tiegħek. U din il-“kollni tiegħek” baqa’ jgħixa sa’ l-aħħar nifs tiegħu minkejja t-tbatijiet li kien qed isofri.

Fid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, l-Madonna lit-tliet it-tfal qaltilhom li fl-aħħar taż-żminijiet il-Qalb tagħha trid titrionfa. Aħna l-aħħar taż-żminijiet ma nafux meta huma. Għalhekk tajjeb jekk nagħmlu eżami tal-kuxjenza – nieqfu ftit mit-taħbit tal-ħajja ta’ kuljum u naraw kemm qed nagħtuha importanza lil Marija. Xi kwalità ta’ devozzjoni għandna lejn il-Verġni Mbierka? Nimxu skont l-aptit, jew inserrħu rasna għax ngħidu r-Rużarju u forsi miktubin f’xi konfraternità?

Tafu li meta nipprattikaw id-devozzjoni vera lejn Marija, hija tidħol għalina bħala pleġġ għalina u tissupplixxi għan nuqqasijiet tagħna?

X’xorti għandha dik ir-ruħ li tgħaraf l-importanza tad-devozzjoni vera lejn il-Vergni Mbierka!

## Il-Qawwa tal-Adorazzjoni



Għal min ma jkunx midħla tagħha tista' tkun xena stramba li tidħol fi knisja u ssib numru ta' persuni qishom jistennew xi ħaġa fis-skiet. Ħafna drabi l-knisja tkun bil-kemm mixgħula, u l-persuni jkunu mxerrda tista' tgħid mal-knisja kollha. L-unika ħaġa li tispikka hija l-espożizzjoni tas-Sagrament fuq l-artal. Il-bqija skiet kbir u ġabra. Tista' tidher stramba iktar meta wara siegħa tara dawn il-persuni ħerġin f'daqqa waħda mingħajr ma jkun beda xejn partikulari.

Din hi x-xena li tidħol fiha kull darba li f'xi knisja tkun għaddejja Adorazzjoni, forma ta' talb importanti ħafna fit-tradizzjoni Kattolika. L-iskop tagħha mhux tant it-talb li jingħad, jew li nitolbu flimkien imma li *noqogħdu fil-preżenza tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu biex jimliena bl-ispirtu tiegħu.*

Il-ħin ta' siegħa hu importanti għax hekk kif tibda, moħħna jkun mimli b'kull xorta ta' affarijiet, u allura mhux ħaġa kbira li għall-ewwel issib ruħek titkellem mal-Mulej fuqek innifsek u dak li jħassbek u jinkwetak. Imma mbagħad, wara li tkun semmejt kollox, nibdew nidħlu fl-ispirtu tas-skiet u l-moħħ jikkalma. Hawn inkunu lħaqna l-iskop tal-Adorazzjoni, għax kif jgħid Santu Wistin, qalbna ma ssibx kwiet jekk ma tistrieħx fih. Biex minn ħin għall-ieħor tiffoka l-attenzjoni tiegħek fil-preżenza ta' Alla tista' tirrepeti bil-mod ġakulatorja bħal "**Ejja Mulej Ġesù**" jew "**Ġesù, jien nafda fik**."

Kemm tkun ħaġa sabiħa li aktar nies jiskopru l-qawwa tal-Adorazzjoni u nsibu siegħa fil-ġimgħa biex noqogħdu fis-skiet mas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.



## Iċ-Ċirkonċiżjoni tal-Lhud

*Kitba ta' Albert Sammut*

Nisimgħu biċ-ċirkonċiżjoni tal-Lhud. Wieħed jistaqsi: din x'inhi? U min riedha? It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet insibuhom fil-Ġenesi Kap 17 versi 1-14. Meta Abram kellu 99 sena deherlu Alla fejn ħabbarlu li fi żmien sena oħra martu Sara se jkollha iben minnu. Hawnhekk Alla reġa ġedded il-wegħda li kien għamillu żmien qabel meta Alla deher lil Abram ta' 75 sena fejn kien urieh min Hu. Kien wiegħdu li jagħmlu missier ta' bosta ġnus avolja Abram u martu kienu diġà xjuħ u bla tfal. Dak-in-nhar Abram emmen lil Alla. Din l-wegħda issa waslet biex isseħħ.

Hawnhekk Alla qallu "Ara l-patt tiegħi miegħek: Int tkun missier ta' ħafna ġnus. U ma tissejjaħx aktar Abram, imma Abraham ikun ismek, għax missier ħafna ġnus nagħmel minnek. U jiena nkattrek fuq li nkattrek, u nagħmel minnek ġnus sħaħ, u slaten joħorġu minnek." "Intom tkunu **maħtuna** fil-laħam ta' ġisimkom, u dan ikun sinjal bejni u bejnkom." Il-*ħtim* isir billi tinqata' biċċa mill-ġisem tal-bniedem. Kellu jieħu l-*ħtim* kull tifel wara tmint ijiem li jitwieled. Alla qallu wkoll li min ma jinħatimx ikun maqtuh mill-poplu t'Alla għax ma jkunx żamm mal-patt.

Abraham emmen lil Alla u dak-in-nhar stess, hu ta' 99 sena, ibnu Ismael ta' 13-il sena u l-irġiel kollha ta' daru, qaddejja u lsiera għamlu ċ-ċirkċonċiżjoni. B'hekk b'dan il-fatt Alla għażel lil Abraham u lil nislu bħala l-poplu Tiegħu u Abraham wiegħed li Jaħweh jkun Alla l-veru tagħhom billi jobdu l-kmandamenti Tiegħu u ma jagħtux qima oħra lil allat foloz.

F'San Luqa Kap 3 vers 21 insibu "Meta wasal it-tmien jum biex lit-tifel jagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni, semmewh Ġesù, bl-isem li kien tah l-anġlu qabel ma tnissel fil-ġuf."

Aktar tard Ġesù biddel iċ-ċirkoniżjoni fil-magħmudija meta tgħammed fil-Ġordan minn Ġwanni. Waqt li ċ-ċirkonċiżjoni tħalli marka li tidher fil-ġisem, l-magħmudija tħalli marka fil-karrattru li ma jidhirx imma tagħmilna wlied Alla. Aħna għandna għax inkunu ferħana u grati b'din il-grazzja speċjali. Ngħożżuha u nibzgħu għaliha. Inkunu xiehda ta' għemilna f'ħajjitna ħalli nagħmlu unur lil Alla li tant inħobbna.

## **Emigrant li sofra**

*Kitba ta' Joseph Muscat*

**Staqsejtu fuq ħajtu.**

Jisimni Mario. Emigrajt lejn l-Awstralja snin ilu. Ġej min familja ta' tlettax-il membru. Wara tmien xhur l-Awstralja kelli aċċident: kont miexi fuq il-bankina, qlajt daqqa ta' karozza u għamilt tliet xhur mitluf minn sensija. Kelli *brain damage*. Ġejt ipparalizzat minn rasi sa' saqajja. Wara tlett xhur jiena bdejt nistembaħ. Ma kont inħoss xejn. Ġismi kien mejjet. L-unika ħaġa li kont naf nagħmel kienet li ngħajjat għajjât tal-ġenn. Għadda ż-żmien u b'tant paċenżja u dedikazzjoni jiena bdejt nagħmel ftit progress. Ħaduni fi sptar speċjalizzat fl-ispina. Hemmhekk kont nagħmel ħin twil *physiotherapy*. Bdjet miexi l-quddiem mhux ħazin. Hemmhekk bdejt inpinġi b'ħalqi.

**Staqsejtu x'iħoss.**

Kont f'dispramment kbir. Ġewni okkażjonijiet li kwazi tlift il-fidi għal kollox. Kont ngħeżżeż snieni ma' xulxin, inħares lejn is-sema u ngħajjat, "Għala Mulej". Kien hemm qassis Awstraljan li kien jiġi jarani kważi kuljum. Kien joqgħod jaqrali l-bibbja u kien joqgħod igħidli kliem sabiħ u ta' faraġ. Meta kont inkun waħdi kont nirrejalizża kemm hawn nies li huma agħar minni. Bdejt nistabar u nieħu paċenzja. Iddeċedejt li nitlob għal ħaddieħor. Ftit, ftit, bil-għajuna t'Alla imtlejt bil-kuraġġ. Qatt aktar ma warrabt il-fidi fil-ġemb. Darba xi ħadd mimli saħħa qalli kif nasal biex nagħmel ħafna affarijiet li hu ma kienx kapaċi jagħmel. Jiena għidtlu "Mhux is-saħħa kollox, imma t-tama, il-fidi f'Alla, il-kuraġġ u li ma tridx taqta' qalbek."

**Staqsejtu x'jixtieq.**

Il-ħajja dewqitni l-iebes u l-ikraħ. Iżda bl-għajnuna ta' tant nies dedikati, u bl-għajnuna t'Alla, irnexxili ndawwar dak li hu ikrah f'dak li hu sabih, id-dlam fid-dawl. Forsi l-inkapaċità tiegħi tidher, forsi ta' ħaddieħor ma tidhirx. Nemmen li kulħadd għandu xi forma ta' inkapaċità. B'dan f'moħħi nemmen li l-Mulej għoġbu jtina salib iżda bl-għajnuna tiegħu u tan-nies ta' madwarna qegħdin ngħarfu nġorru dan is-salib.

**Messaġġ**

Kuraġġ u determinazzjoni. Ħadd ma għandu għax jaqta' qalbu. Alla jiggwidana. Ejjew ma ninsewħx. Pass, pass naslu fejn nixtiequ. Naf li hu diffiċli u mhux daqshekk faċli. Fil-ħajja hemm is-sabih u l-ikrah. Irridu naħdmu bis-sħiħ biex niksbu dak is-sabiħ tal-ħajja.



## TISLIMA LILL-ARTAL



"Is-Saċerdot u l-Ministri, meta jaslu fuq il-presbiterju, isellmu lill-Altar. Bħala sinjal ta' qima s-Saċerdot u l-Ministri sagri jbusu l-Altar u s-Saċerdot, skont iċ-ċirkostanzi jinċensah." (O.M.G.R. - 27).[1]

L-Altar huwa l-għolja mqaddsa, il-mejda li fuqha titħejja l-ikla mistika ta' wlied Alla, il-Maqdes għall-uniku sagrifiċċju li jogħġob tabilħaqq lill-Ħallieq tad-dinja. It-tempju huwa mibni biex jagħti kenn lill-Altar u l-Altar ġie mwaqqaf biex fuqu ssir l-Ewkaristija.

Ladarba l-Altar huwa ċ-ċentru tal-azzjoni Liturġika, hija ħaġa naturali li l-ewwel att li jagħmel is-Saċerdot fil-Quddiesa huwa dak li jsellemlu u jbusu b'sinjal ta' qima u f'ċerti okkażjonijiet solenni jinċensah ukoll.

L-Altar jirrappreżenta lil Kristu li huwa l-ġebla tas-sies li fuqu hija mibnija l-Knisja.

L-Altar jirrappreżenta wkoll il-Knisja, mhux biss għaliex huwa magħmul minn ħaġriet diversi magħqudin u mibnijin flimkien kif il-Knisja hija magħmula minn ħafna membri, iżda wkoll għaliex ħafna drabi l-Altar ikollu magħluqin fih xi relikwji tal-Qaddisin.

Meta s-Saċerdot ibaxxi rasu quddiem l-Altar u jbusu, ikun jagħmel sinjal ta' qima lejn Kristu u lejn il-Knisja, il-Ġisem Mistiku tiegħu. Din il-bewsa ta' tislima, għalhekk, tfisser kemm il-għaqda tal-qassis ma' Kristu l-Feddej, kif ukoll il-għaqda tal-Knisja rrappreżentata fis-Saċerdot, ma' Kristu r-Ras tagħha. Din il-bewsa mogħtija lill-Altar għandha tfakkar lill-insara li huma magħqudin bl-imħabba ta' Kristu, li minnu tiġi kull grazzja u kull qdusija.

[1] *Ordinamento Generale del Missile Romano_27*

## Esperjenzi fis-settur tas-saħħa - serje ta' artikli (12)



*Kitba ta' Ernest Taliana - Ex. Nursing Manager*

Ġewwa Villa Messina fir-Rabat bdejt naħdem bil-lejl fis-sala tad-*Dimentia* u domt erbgħa snin naħdem magħhom. Qatt ma kelli esperjenza li naħdem ma' dawn il-pazjenti. Xogħol u kura totalment differenti.

Id-*Dimentia* hija waħda mill-kundizzjonijiet ta' marda kronika diġenerattiva bi proċess fit-tul. Is-sintomu hu li tinsa lilek innifsek u dawk ta' madwarek. Din tiġi għax parti mill-materja griża tal-moħħ (*grey matter*) tibda tiddiġenera u għalhekk il-moħħ jibda jinxtorob u jonqos mill-kobor tiegħu. Il-marda normalment tinfirex fuq medda ta' xi 10 snin, ġieli aktar jew inqas, fejn l-pazjent jiżviluppa sintomi ġodda hekk kif jgħaddi iktar żmien. Fil-bidu s-sintomi ikunu ħfief bħal tinsa xi affarjiet jew episodji, tirrepeti l-istess affarjiet spiss, u ġieli tinsa fejn tkun għamilt ċertu affarjiet jew tpoġġihom f'post mhux tas-soltu. Maż-żmien tiggrava fejn jekk toħrog kif normalment tagħmel tinsa t-triq fejn toqogħod u ġieli intilfu. Aktar 'l quddiem, tibda ma tarafx lill-familjari tiegħek li hi waħda mill-aktar sintomu krudili li jista' jkollu l-bniedem normali. Maż-żmien, ikun hemm ċertu agressività u ma tafx kif tiekol u tixrob jew fejn hi s-sodda u l-kamra tiegħek. Jirrifjutaw t-trattament u li jieklu l-ikel. Hawn ikun hemm bżonn ta' attenzjoni totali. Ġieli tieqa jaħsbuh bieb u jippruvaw jgħaddu mit-tieqa, u tiġri xi traċedja. Id-*Dimentia* ma' taqbadx lill-anzjani ta' ċertu età biss, imma anke nies iżgħar. Ġieli f'inċidenti fejn tiġi involuta *trauma* fir-ras, din tista' tikkaġuna wkoll *Dimentia* u telf tal-memorja, kultant permanenti. Għandek pazjent totalment dipendenti minn ħaddiehor.

L-iktar affarijiet li bihom jikkalmaw u joqgħodu attenti huma meta jaraw programmi fuq it-TV dwar annimali jew tfal, jisimgħu mużika relassanti tal-widna, u meta jiġu l-familjari bit-tfal żgħar u trabi. Dawn osservajthom waqt ix-xogħol. Meta xi ħadd jitħawwad u jiġi agressiv importanti li ma tużax forza magħhom jew tgħajjat għax iktar jifferoċjaw. Trid tkun kalm u tipprova iddawrilhom il-burdata kif tista' billi iddawrilhom il-ħsieb u timxi magħhom fil-kurituri u tkellimhom bil-kalma fuq affarijiet oħra. Ħafna drabi jikkalmaw. Li tgħid "ma tista' tagħmel xejn" hija falza. Illum hawn ħafna assistenza għad-*Dimentia*. Hawn kura akuta fl-isptarijiet u riabilitazzjoni ġo KGH, Appoġġ għal-centru matul il-jum, u Ċentru tar-Respite għal każi tal-bidu. Għal każi fit-tul imbagħad hawn Djar tal-anzjani u Unitajiet speċjali bħal blokk tad-*Dimentia* ġewwa SVPR attrezzat b'kollox.

**Il-'helpline' tad-*Dimentia* huwa tel. No. 1771.**





**IL-PAPIET - Seklu IX**

*Kitba ta' Rev. Fr. Vincent Magro MSSP*

**San Ljun III** (795-816AD). Kellu ħafna inkwiet ma' l-għedewwa tiegħu, saħansitra riedu joqtluh imma Karlu Manju iddefendih bis-sħiħ. Infatti dawn in-nies ġew ikkastigati bl-aħrax mill-Imperatur. Il-lejl tal-Milied tas-sena 800, il-Papa Ljun III inkuruna lil Karlu Manju Imperatur u Difensur tal-Knisja. Fis-sena 1673 ġie ikkanonizat mill-Papa Klement X (1670-1676AD).

**San Paskal** (817-824AD). Kien ħabib ħafna tal-Imperatur Lotarju. Kellu inkwiet dwar l-Ikoni li l-Imperatur Biżantin Ljun V ried ifarrak u jeqred.

**Girgor IV** (828-844AD). Kien dejjem ifittex li jġib il-Paċi bejn l-awtorità ċivili ta' dak iż-żmien. Kien ippreokkupat ħafna li s-Seraċini kienu dejjem ħsiebhom li jattakkaw Ruma. Qabel ma' miet, bena ħafna knejjes f'Ruma.

**San Ljun IV** (847-855AD). Biża kbir li ġabu s-seraċini li riedu jinvadu Ruma. Minħabba f'hekk, dan il-Papa bena swar kbar biex jiddefendi il-belt tiegħu. Illum dawn is-swar isejħulhom "il-Belt Leonina".

**San Nikola I** (858-867AD). Wieħed mill-ikbar Papiet ta' dik l-era. Fl-858 inqalet kwistjoni kbira ma' Fozju li ried isir Patrijarka ta' Kostantinopoli flok Nazju, b'mod leġittimu mqiegħed mill-Papa stess. Fozju ġie skomunikat. Fit-13 ta' Novembru ssir il-festa ta' San Nikola - Papa.

**Stiefnu V** (885-891AD). Kien iħobb ħafna lil fqar. Għen ħafna lil familji li ġarrbu ħsara kbira mill-attakki tas-Seraċini. Kellu problemi oħra fuq min se jkun is-suċċessur ta' San Metodju, l-Appostlu tas-Slavi. Meta miet dan il-Papa, ġie mfaħħar minn kulħadd.

**Ġwann IX** (898-900AD). Ġab il-paċi bejn dawk li kienu kontra l-Papa Formosus. Biex jinqalgħalu aktar inkwiet waqqaf il-proċess li kien jissejjaħ "Is-Sinodu tal-Katavru". Ħadem ħafna biex tibda' r-relazzjoni tajba bejn l-Lvant u l-Punent.

## Il-Kori ta' l-anġli

Fl-Iskrittura Mqaddsa nsibu msemmija disa' ġerarkiji ta' anġli. Ii huma: **Serafini, Kerubini, Troni, Dominazzjoni, Virtujiet, Qawwiet, Prinċipati, Arkanġli u Anġli**. Id-disa' ġerarkiji huma maqsuma fi tlett kategoriji. Dawk tal-ewwel, li huma fl-għola livell tal-ġerarkija, huma l-aktar qrib ta' Alla, filwaqt tal-aħħar huma aktar qrib tal-bniedem.

Il-kelma 'anġlu' ġejja mill-Grieg *ángelos*, li tittraduċi l-kelma Lhudija *mal'àk*, li tfisser 'messaġġier' (ara Lhud 1, 14). Għaldaqstant, kif jispjega tant tajjeb Santu Wistin (Sermo VII, 3), dan it-terminu jirreferi iktar għall-uffiċċju (il-ħidma) ta' dawn il-ħlejjaq.

Fit-Testment il-Qadim jissemmew ħlejjaq oħra spiritwali bħalma huma s-Serafini (Is 6, 1-8) u l-Kerubini (Ġen 3, 24; Eżek 10, 1-22). Fil-Ktieb ta' Tobit insibu l-ġrajja ta' Rafel li jakkumpanja lil Tobija u li, lejn tmiem ir-rakkont, juri l-identità vera tiegħu bħala "wieħed mis-seba' anġli, li qegħdin quddiem il-Maestà tal-Mulej" (Tob 12, 15); u fil-Ktieb ta' Danjel naraw lil Mikiel, li hu deskritt bħala l-ħarries tal-poplu ta' Iżrael (Dan 10, 13-21; 12, 1).

L-anġli jissemmew ukoll f'ħafna każijiet fit-Testment il-Ġdid. Fir-rakkonti marbutin mat-twelid ta' Ġesù jissemma bi prominenza Gabriel li jħabbar it-twelid ta' Ġwanni l-Battista lil Żakkarija (Lq 1, 10-20) u t-twelid ta' Ġesù lil Marija (Lq 1, 26-38), u wkoll anġli ħabbara oħra li permezz tagħhom Alla jkellem lil Ġużeppi fil-ħolm (Mt 1, 18-25; 2, 13. 19) jew iħabbar il-miġja tal-Messija lir-rgħajja (Lq 2, 8-14). Daqstant ieħor għandhom ukoll prominenza fir-rakkonti tal-qawmien (Mt 28, 1-10; Ġw 20, 11-18).

Anke Ġesù, fit-tagħlim tiegħu, jirreferi għal dawk li nsejħulhom anġli kustodji (Mt 18, 10), jiġifieri li kull bniedem għandu anġlu biex iħarsu. U hu nnifsu kien ukoll assistit mill-anġli meta kien fid-deżert (Mt 4, 11; Mk 1, 13) u waqt l-agunija fil-Ġnien taż-Żebbuġ (Lq 22, 43). Bl-istess mod, l-anġli akkumpanjaw lill-Appostli fit-tiġrib li fih sabu ruħhom minħabba l-Evanġelju (Atti 5, 19; 12, 5-19).

Fil-kitbiet l-oħra tat-Testment il-Ġdid insibu għad ta' referenzi għal ħlejjaq oħra spiritwali, bħalma huma t-Troni u l-Ħakmiet, il-Prinċipati u s-Setgħat (Ef 1, 21; Kol 1, 16). Imbagħad, fil-Ktieb tal-Apokalissi, l-anġli għandhom prominenza kbira. F'dan l-aħħar ktieb tal-Bibbja nsibu l-istess tip ta' xbihat użati fil-kotba profetiċi u apokalittiċi tat-Testment il-Qadim, u narawhom sew madwar it-tron ta' Alla u sew bħala dawk li jwettqu l-kmand ta' Alla fil-konfront tal-umanità u tad-dinja.

*(ikompli f'paġna 7)*



### L-Ewwel Kategorija

*Anġli li jikkontemplaw u jaduraw lil Alla b'mod dirett.*

**1. Serafini**
L-isem ifisser dawk li jaqbdu bin-nar, u huma l-ogħla ordni tal-anġli, l-eqreb ta' Alla, u jkantaw f'adorazzjoni lil Alla "Qaddis, Qaddis, Qaddis…".

**2. Kerubini**
Il-Kerubini, jgħixu lil hinn mit-Tron ta' Alla. Huma għalhekk il-gwardjani tad-dawl u l-univers. Il-kelma Kerubin tfisser il-milja tal-għerf, u huma jikkontemplaw il-providenza t'Alla.

**3. Troni**
It-Troni huma ħlejjaq anġeliċi b'forma li tinbidel u kuluri infiniti li jirrappreżentaw l-imħabba assoluta t'Alla. Huma deskritti fil-Bibbja bħala roti magħqudin flimkien. Dawn huma roti mgħammra b'għajnejn innumerabbli, skont ix-xbieha preżenti fil-ktieb ta' Eżekjel, fejn il-profeta jiddeskrivi l-viżjoni tas-smewwiet; hu ma jiddeskrivix b'mod espliċitu dawn ir-roti bħala anġli, iżda bħala ħlejjaq li għandhom spirtu.

### It-Tieni Kategorija

*Il-ħlejjaq anġeliċi għandhom l-għan li jwettqu l-pjan t'Alla għall-Univers.*

**4. Dominazzjoni**
Huma responsabbli u nkarigati jagħtu x-xogħol lill-ħlejjaq anġeliċi li huma aktar l-isfel fil-ġerarkija. Huma jirċievu l-ordnijiet tagħhom mis-Serafini, Kerubini, jew direttament mingħand Alla, u għandhom jiżguraw li l-kożmos ikun dejjem fl-ordni.

**5. Virtujiet**
L-anġli f'din il-ġerarkija jissemmew darba waħda biss, minn Pawlu fl-Ittra lil Efesin 1, 21. Huma marbuta ma' dawk il-ħlejjaq li jieħdu ħsieb l-ordni fl-univers, il-ħolqien, u n-natura kollha.

**6. Qawwiet (Setgħat)**
L-għan tal-Qawwiet hu li jassistu fit-tmexxija tal-ordni naturali. Huma meqjusa bħala anġli gwerriera, li jopponu wkoll l-ispirti ħżiena.

### It-Tielet Kategorija

*Il-ħlejjaq f'din il-kategorija huma messaġġiera t'Alla u qrib tal-bniedem.*

**7. Prinċipati**
Dawn huma l-anġli li jiggwidaw u jipproteġu nazzjonijiet, gruppi ta' popli, u istituzzjonijiet bħall-Knisja. Il-Prinċipati jippresjedu fuq il-faxex l-oħra tal-anġli biex dawn tal-aħħar iwettqu l-ministeru divin delegat lilhom. Hemm uħud li jamministraw u oħrajn li jgħinu.

**8. Arkanġli**
Dawn huma aktar qrib tagħna u nafu dwarhom. L-Arkanġli huma mexxejja tal-anġli u huma nkarigati mill-pjanijiet l-aktar importanti t'Alla għall-bniedem. Fl-Iskrittura nsibu ismijiet ta' tlieta minnhom; Mikiel, Gabrijel, u Rafel.

**9. Anġli**
L-anġli f'din il-ġerarkija huma l-aktar spirti viċin tad-dinja materjali u l-bniedem. Huma jieħdu ħsieb, jindukraw il-bniedem (l-anġlu kustodju), u jwasslu l-messaġġi t'Alla.